MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Numru. 438/2003

Il-Pulizija
Spettur Jesmond Borg
vs
Kenneth Caruana

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar it-23 ta’ Dicembru 2002 ghall-habta tas-7.00 ta’ filghaxija, gewwa l-hanut imsejjah : ‘Felix Electronics’, li jinsab fi Triq Guze D’Amato, Rahal Gdid, ikkaguna permezz ta’ ‘games console’ ta’ l-ghamla Sony, mudell Playstation 2, griehi ta’ natura gravi, liema ferita iggiblu mankament jew sfreggju fil-wicc, fuq il-persuna ta’ John Felice minn Hal Tarxien u dan skond ma ccertifika Dr M. Abela (Medical Warrant Reg. No. 1852) mic-centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid, u dana bi ksur ta’ l-artikoli 216(1) b u 217 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-23 ta’ Dicembru, 2002 certu John Felice ta’ sittin sena ghamel rapport fl-ghassa ta’ Rahal Gdid kontra l-imputat fuq imsemmi. Is-Sur Felice stqarr ukoll illi kellu xi griehi f’wiccu li gew ikkawzati waqt din il-glieda li kellu mal-imputat.

Illi irrizulta li John Felice ghandu hanut tal-electronics Felix Electronics li jinsab fi Triq Guze D’Amato Rahal Gdid. Felice stqarr li xi tlett xhur qabel l-imputat kien xtara tlett games console ta’ l-ghamla Sony mudell play station 2. Caruana ma kienx sodisfatt bix-xoghol illi sar fuq dawn il-games console peress illi skond hu wahda minn dawn il-games kienet diffettuza. Felice informa lill-pulizija li ghall-habta tal-hamsa ta’ wara nofsinhar dahal l-imputat fil-hanut tieghu u beda jilmenta bhas-soltu li l-games console ma kienitx qed taqra l-loghob li kien ghadu kemm xtara. Minn naha tieghu s-Sur Felice ipprova din is-CD tal-loghob fuq il-games console tas-Sur Caruana u hadmet. Daqs siegha, u ftit aktar wara cempillu l-imputat fuq it-telephone u qallu li l-games console kienet ghadha bil-hsara u ghall-habta tas-sebgha ta’ filghaxija l-imputat dahal fil-hanut tas-Sur Felice u beda jargumenta mieghu fis-sens li l-games console kienet bil-hsara. Is-Sur Felice informa lill-pulizija li Caruana, l-imputat qabad il-play

station f'hin minnhom u tah daqqa biha fuq rasu u baqa' hiereg barra mill-hanut.

Illi irrizulta mic-certifikat mediku li esebixxa s-Sur Felice illi kellu qasma ta' erba' centimetri fuq rasu u li din il-gerha kienet ta' natura gravi.

Illi l-imputat gie mitkellem mill-pulizija. Huwa qal illi kien mar fil-hanut Felix Electronics fi Triq Guze D'Amato Rahal Gdid u ghall-habta ta' nofs Ottubru tal-2002 kien ha tlett play station 2 ghand Felix sid il-hanut sabiex ikun jista jiccipjahom. Wara li dan tahomlu lura, dawn qatt ma regghu hadmu sew u l-imputat qal illi kien induna illi wahda minn dawn it-tlieta kienet giet mibdula u dana peress illi qallu hekk siehbu. Ghalhekk fit-23 ta' Dicembru 2002 kien mar fil-hanut Felix Electronics u ha l-loghba li ma kienitx qeghda tahdem sew u l-play station sabiex Felix jippruvaha fuq il-play station tieghu stess u meta ipprova l-loghba fil-hanut giet l-istampa, pero' ma ftakarx li kien haddem il-loghba. Mar id-dar, rega' ipprova l-loghba, giet l-istampa, izda il-loghba ma rieditx tahdem. Ghalhekk cempel lil Felix u qallu. Huwa qal illi kien tmashan xi ftit fuq it-telephone u skond hu Felix kien ghajru Bugardun u Ghambaqru. Dak il-hin fis-sahna tal-argument mar il-hanut u bir-rabja kien ghamillu l-play station fuq il-bank tal-hanut. Dak il-hin Felix qam minn fuq is-siggu u sabbat il-play station tieghu fuq il-bank. Hu bir-rabja mar biex jarmi l-play station 'il barra mill-hanut u ezatt kif kien qieghed jgholliha laqat lil Felix go nofs mohhu. F'dak il-mument telaq 'il barra mill-hanut. Wara gie konxju li setgha wegga' lil Felix u ghalhekk ipprova icempillu biex jiskuza ruhu, pero' irrispondietu martu li qaltlu biex ma jersaqx 'l hemm.

Illi xehed Dr Maurice Abela li kien ezamina lil John Felice fit-23 ta' Dicembru, 2002 u ikkonferma li kellu ferita ta' natura gravi peress illi kienet fil-wicc u allura fil-wicc ikun hemm sfregju.

Illi xehed John Felice f'dawn il-proceduri u qal illi dakinhar in kwistjoni l-imputat kien garalu play station ghal rasu. L-art kienet intliet kollha demm u kien hemm ragel li kien

gablu xugaman u ghamilhulu ma rasu. Mar il-polyclinic fejn ghamlulu sitt ponti fuq naghsu. Umbaghad ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija.

Illi xehdet ukoll Grace Felice, mart John Felice, u qalet illi kienet prezenti waqt l-incident u rat lill-imputat jaqbad il-play station b'idejh it-tnejn u iwaddabha fid-direzzjoni ta' ras ir-ragel taghha. Fil-fatt laqat lir-ragel taghha fuq rasu u kellu imur il-polyclinic fejn ghamlulu l-ponti.

Illi xehed PS 1152 Emanuel Saliba illi inzerta li kien fil-hanut imsemmi u ra l-incident jigri. Huwa xehed illi ra lill-imputat jaqbad l-play station f'idejh u iwaddabha fid-direzzjoni ta' sid il-hanut, umbaghad johrog 'il barra mill-hanut. Huwa ra lill-sid il-hanut izomm rasu b'hafna demm hiereg u assista kif setgha lil sid il-hanut illi kellu hafna demm niezel ma wiccu.

Illi xehed certu Mario Farrugia li wkoll kien prezenti fil-hanut meta sehh l-incident u qal illi f'daqqa wahda dar u ra lil sid il-hanut kollu demm fuq naghsu. Mar jaghtih l-assistenza u ghamillu xugaman ma rasu, qeghdu bil-qeghda. Umbaghad telaq meta gew il-qraba tal-familja. Huwa xehed illi ma jafx kif gara l-incident ghaliex dak il-hin kien qieghed ihares lejn il-vetrina tal-hanut.

Illi rega' xehed John Felice u qal illi ma setghax kien il-kaz illi l-imputat kien qieghed jipprova iwaddab il-play station 'il barra mill-hanut ghaliex l-exit tal-hanut kien warajh u mhux quddiemu u lanqas ipprova isabbatha ma l-art ghaliex kien hemm il-bank tal-hanut quddiemu. Huwa xehed illi kien qieghed ihares lejn l-imputat fil-hin illi waddab l-play station ghal rasu.

Illi minkejja l-fatt illi l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza fit-22 ta' April, 2004 sal-gurnata tad-9 ta' Dicembru, 2005 id-difiza ghal xi raguni jew ohra baqghet ma ressqitx l-provi taghhha u ghalhekk il-Qorti ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi tal-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti tara illi, mill-assem tal-provi prodotti, illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha u illi allura effettivament l-imputat fuq imsemmi ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Felice u ghalhekk il-Qorti issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u dan wara li l-Qorti rat l-Artikolu 216 tal-Kap. 9.

Illi, ghal dak illi jirrigwarda l-piena, l-Qorti tara illi dan ir-reat huwa serju ferm u setgha gab konsegwenzi ferm akbar minn dawk attwalment ikkagunati. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap. 9, filwaqt li tikkundanna lill-imputat ghal tmintax il-xahar prigunerija, tordna li din il-prigunerija tkun sospiza ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara, ghal kull buon fini, illi hija spjegat lill-hati illi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tlett snin mill-lum huwa jista jigi ikkundannat ghar-reat originali.

Finalment wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' multa ta' mitt lira (LM 100) ghall-perjodu ta' tnax il-xahar mill-lum milli jerga b'xi mod jimmolesta, jew jersaq lejn l-imsemmi John Felice.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------